MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2009

Numru 791/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Nicolai Sant**
v

**GERALD RAPINETT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GERALD RAPINETT** ta' disgha w tletin sena bin Michael u Joan nee Darmanin, imwieled l-Hamrun nhar t-tlieta ta' Gunju 1970 u joqghod 'Villa Cettina', Triq il-Mistra, Xemxija, detentur tal-karta tal-identita` numru 043557M, gie mressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli fil-hamsa t'Awwissu 2009 f'Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, ghal habta ta' nofsinhar bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u li ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt blli bil-hsieb li jikkommetti

serq fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBK 504 tal-ghamla Fiat Punto ghad-dannu ta' Raymond Bugeja mill-Mosta ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin euro centezmu, izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha w tletin euro centezmu, liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament ghamel hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBK 504 tal-ghamla Fiat Punto ghad-dannu ta' Raymond Bugeja mill-Mosta, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha w sittin euro u disgha w sittin euro centezmu imma izjed minn mija u sittax l-euro u sebgha w erbghin euro centezmu.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-fedina penali tal-imputat esibita bhala Dok. CSH, l-kunsens tal-Avukat Generali esibit bhala Dok. CSH 1, l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputat esibit bhala Dok. CSH 2, l-police report esibit bhala Dok. CSH 3 kif wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat esibita bhala Dok. CSH 4.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara fis-seduta tal-ghaxra t'Awwissu 2009 li kienet qed tirtira l-aggravju tal-valur u tiddikjara li l-hsara f'dan il-kaz tammonta ghal mitejn u tletin euro (€230).

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha, salv ghal aggravju tal-valur tas-serq, kif dedotti fil-konfront tieghu kif jirrizulta registrat fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ghaxra t'Awwissu 2009, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti kienet osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien

xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti kienet iddikjarat li kienet qed issb lil imputat Gerald Rapinett hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, minghajr l-aggravju tal-valur.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nicolai Sant jiddikjara fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin t'Awwissu 2009, li l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni li sofra Raymond Bugeja.

Semghet lil istess Raymond Bugeja jiddikjara fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin t'Awwissu 2009, li m'ghadx ghandu pretenzjonijiet fil-konfront tal-imputat u li m'ghandux aktar interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' llum l-erbgha w ghoxrin t'Awwissu 2009.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni total ital-imputat tul l-investigazzjoni ta' dan il-kaz;

3. Illi l-imputat ghamel tajjeb ghal hsarat sofferti minn Raymond Bugeja u li dan effettivament stqarr li m'ghandux interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri;

Minn naha l-ohra pero il-Qorti rat li l-imputat diga ghandu xi convictions registrati fuq il-fedina penali tieghu w ghalhekk thoss li l-piena idoneja f'dawn ic-cirkostanzi, tkun dik ta' wahda sospiza ta' prigunerija sabiex isservi ta' deterrent w izzomm lil istess imputat 'l boghod mill-hajja kriminali li qabad tul medda ta' snin.

**Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(c)(g), 279, 280, 41(1)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat GERALD RAPINETT hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal sena (1) prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputat izomm 'l boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili.**

**Il-Qorti tfakkar lil imsemmi Gerald Rapinett li f'kaz li jirrizulta mod iehor, darb'ohra din il-Qorti mhux ser tkun klementi mieghu, jigifieri sejra tordna li s-sentenza sospiza tigi reza operattiva.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------